KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – IL-ĦAMIS, 25 TA' SETTEMBRU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 17.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

17.1.1 Ma kienx hemm.

## 17.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

17.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (17) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

17.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 17.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

17.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kien avviċinat mir-residenti li jirrisiedu fi Triq Giorgio Locano biex idaħħlu appell f'isem il-Kunsill Lokali L-Iklin peress li d-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni PA/02647/25 ser timpatta b'mod negattiv il-kwalità tal-ħajja tar-resident minħabba l-illuminazzjoni tal-football pitch. Is-Sindku spjega li l-prassi tal-Kunsill dwar l-applikazzjonijiet tieqaf mad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar iżda peress li l-iżvilupp jirrigwarda jew aħjar huwa kkunsidrat bħala large-scale project, il-Kunsill ma setax jinjora din it-talba konsapevole li dawn ir-residenti kienu ġew imċaħħda milli jippreżentaw rappreżentazzjoni lill-Awtorità għaliex ma ġewx notifikati u għaldaqstant ma setgħux ikunu kkunsidrati bħala statutory representees. Ġaladarba l-appell qed isir kontra Foundation for Tomorrow School u mhux kontra xi individwu. Naturalment ir-residenti ikkummissjunaw Avukat a spejjeż tagħhom u l-Kunsill se jibqa jsegwi fuq dan l-appell.

17.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant ser jerġa jvara *School starter pack project*. Għal din is-sena ser iżidu l-kwantitajiet ta' materjal sostenibbli għat-tfal (sustainable stationery) u ser ikomplu jippromwovu l-*mascot* ta' Bertu l-Ballotra. Din is-sena se ssir żjara lill-Kulleġġ Santa Tereża Lija-Balzan-Iklin skedata għal nhar it-28 ta' Ottubru fid-9.00a.m. Il-Viċi Sindku ser tkun qed tirrapreżenta lill-Kunsill waqt din l-attività. Dan il-proġett huwa mmirat għat-tfal tal-Year 1 & Year 2.

17.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva fl-affermattiv mingħand l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jiġu organizzati l-marki taż-żebgħa fi Pjazza Ninu Cremona u l-immedjat biex ikun hemm organizzazzjoni fl-immaniġġjar tat-traffiku. Dan biex jinqata l-abbuż ta' vetturi li fil-preżent qed jipparkjaw fin-nofs tal-ispazju miftuħ li qed joħloq periklu u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jorganizza l-parkeġġi biex il-vetturi jipparkjaw fiż-żoni indikati. Permezz tal-marki taż-żebgħa, il-Kunsill ser ikun qed jeduka lis-sewwieqa biex jipparkjaw *within the lines*.

## 17.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

17.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew

ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-27 ta' Awwissu u t-23 ta' Settembru 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (27 August - 23 September 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 255 | 27/08/2025 | Kaptelli tad drenaġġ miksurin quddiem 8 Triq G Bonnici | pending | Triq G Bonnici | **COUNCIL** |
| 256 | 27/08/2025 | Ilment fuq siġra tal-ħarrub tiela mad-djar mill-għalqa ta' wara u hemm il-ġrieden, 40 Triq E S Inglott | pending | Triq E S Inglott | **Environment Health Directorate** |
| 257 | 27/08/2025 | Talba għal kinsa sew taħt il-karozzi u talba biex isir bin lejn Maypole Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 258 | 29/08/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu L066/28 fi Triq il-Prinjol | settled | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 259 | 01/09/2025 | Ilment fuq dar tal-qtates ta' cat feeder fi Triq May Butcher mal-parking qed ikun hemm ħafna hornets | pending | Triq May Butcher | **COUNCIL** |
| 260 | 02/09/2025 | Il-ħaxix ta' Triq ES Inglott ma' nqatax sew u hemm ħafna ġebel mal-ġnub tat-triq | pending | Triq E S Inglott | **CLEANSING** |
| 261 | 02/09/2025 | Il-ħaxix fejn il-pumping station u ħdejn it-tabella biex ma jarmux żibel fi Triq il-Għargħur ma ' nqatax | pending | Triq Ħal Għargħur | **CLEANSING** |
| 262 | 02/09/2025 | Fejn hemm il-bankijiet fi Triq ES Inglott, it-tindif ma' tlestiex | pending | Triq ES Inglott | **CLEANSING** |
| 263 | 02/09/2025 | Hemm ħafna ħaxix kbir fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **CLEANSING** |
| 264 | 02/09/2025 | Hemm cables imdendlin quddiem twieqi u gallarijiet fi Triq GM Azzopardi | settled | Triq GM Azzopardi | **GO** |
| 265 | 03/09/2025 | Talba biex nibgħatu l-community officers spiss fi Triq Dwardu Cachia għax qed jinjoraw it-tabelli | pending | Triq Dwardu Cachia | **LESA AGENCY** |
| 266 | 04/09/2025 | Hemm trinka tal-ilma li qed iżżomm l-ilma fi Triq K Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 267 | 04/09/2025 | Hemm ħofor fi Triq Ċensu Busuttil quddiem in-numru 62 | settled | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 268 | 09/10/2025 | Talba għal permess biex issir tarġa mill-bankina għat-taraġ ta' residenza privata għax għolja. | closed | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 269 | 11/09/2025 | Wire corroded li dieħel f' 30 Triq G E Mercer | closed | Triq G E Mercer | **ENEMALTA** |
| 270 | 11/09/2025 | Talba biex terġa titweħħel traffic mirror fi Triq G Abos c/w Triq AM Galea | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 271 | 11/09/2025 | Talba biex isir refreshing ta' disabled parking bay fi Triq C Busuttil għax peress li ħafru trinka, telqet parti minnha | settled | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 272 | 11/09/2025 | Hemm katusa mikxufa fuq il-bankina quddiem 88, Triq K Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 273 | 12/09/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi L086/28 fi Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 274 | 12/09/2025 | Talba biex jitnaqqas double yellow fi Triq ES Inglott cw Triq R Taylor | closed | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 275 | 15/09/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi mal-barumbara fit-trejqa li tagħti għall-Kappella ta' San Mikiel | settled | Trejqa fi Triq San Mikiel | **CONTRACTOR** |
| 276 | 16/09/2025 | Bozza mitfija mall-ħajt opp. Bathroom Design Triq iċ-Ċitru | closed | Triq iċ-Ċitru | **CONTRACTOR** |
| 277 | 16/09/2025 | Kaptell imkisser tal Go quddiem 144 Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **GO** |
| 278 | 19/09/2025 | Hemm tabella ta' 'No Heavy Vehicles' nieqsa fi Triq il-Wied qabel titla | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 279 | 22/09/2025 | Leakage f'nofs Triq L-Awrikarja | pending | Triq L-Awrekarja | **WSC** |
| 280 | 22/09/2025 | Bżonn ta' kinsa sew fi Triq G Abos 110 | pending | Triq G Abos | **CLEANSING** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 281 | 23/09/2025 | Bozza mitfija mall-ħajt ta 36, Triq P M Vella | pending | Triq P M Vella | **CONTRACTOR** |

## 17.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

17.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech informa lill-preżenti li set-up għal Whatsapp channel huwa lest u spjega li hemm żewġ modi kif nistgħu naħdmu. Il-Kunsillier Mario Fenech qed jissuġġixxi li jintbagħat leaflet f'kull dar biex ir-resident ikun jaf b'dan is-servizz filwaqt li qed jipproponi li jsir QR code biex ir-residenti ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni. Il-Kunsillier kompla billi qal li l-fatt li issa għandna linja oħra, minbarra channels tradizzjonali bħal messenger, email, b'din il-linja pubblika tkun tista tintuża biex il-komunità tkun tista tagħmel użu billi jibgħat message fuq il-whatsapp sintendi l-amministratur għandha tkun persuna mill-uffiċċju biex tamministra l-Whatsapp channel u tara wkoll il-messaġġi. Din il-proposta qed issir biex il-Kunsill ikun qiegħed jimmassimizza minn dan is-servizz.

Is-Sindku faħħar il-ħidma tal-Kunsillier Fenech u rringrazzjah tal-ħin u d-dedikazzjoni tiegħu fil-qasam tad-diġitalizazzjoni bil-għan li ntejbu l-kuntatt mall-komunità tagħna b'mezzi moderni u effikaċi.

Is-Sindku wieġeb li kien importanti li channel ikun one-way jiġifieri li tirċievi biss. Kien tal-parir li nibdew bil-Whatsapp channel u eventwalment nutilizzaw ukoll il-linja biex ma titħalliex mejta.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsillier Fenech u qal li kien ser jitkellem mal-amministrazzjoni tal-Kunsill għaliex wieħed jifhem li tista tiżdied il-workload u għalhekk irid jara li jkun hemm sistema li taħdem.

## 17.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

17.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

17.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Mifsud Landscaping Services għal CleanUp World Campaign Day għall-prezz ta' Eur1,534 VAT inkluż;
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur ProMan Ltd għal xogħlijiet ta' Electrical & plumbing services għall-prezz ta' Eur3,063 VAT inkluż għal manutenzjoni tas-Sala tal-Kunsill;
3. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Noel Borg għat-tiżjin tad-dawl tal-Milied fi Triq Ġeronimo Abos għall-prezz ta' Eur1,500 VAT inkluż;
4. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Noel Borg għat-tiżjin tal-Milied fi round-about ta' Triq San Mikiel għall-prezz ta' Eur500 VAT inkluż;
5. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Alec Massa għall-kiri ta' PA System għal attività tal-Milied għall-prezz ta' Eur218.30c VAT inkluż;

## 17.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

17.7.1 Ma kienx hemm applikazzjonijiet.

## 17.8 AĠĠORNAMENT DWAR CLEANUP WORLD DAY FL-IKLIN – IS-SIBT 27 TA' SETTEMBRU

17.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kollox kien ippreparat għal Cleanup ta' din is-sena. Irringrazzja lill-Kunsillier Matthew Fenech tal-arranġament tiegħu biex ikollna magħna l-karattru ta' Xummiemu. Irringrazzja wkoll lill-Kunsillier Mary Grace Gusman tal-arranġamenti ma' Iklin Scout Group li ser ikunu *stakeholders* importanti waqt din l-attività.

## 17.9 PROĠETT PROPOST TA' ĠNIEN PUBBLIKU FIL-LOKALITÀ TAL-IKLIN

17.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-minuti tal-laqgħa li nżammet fl-Uffiċċju ta' Project Green dwar il-proġett propost..

17.9.2 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex l-isem tal-Ġnien ikun imsemmi għal Prof. Charles Briffa, residenti mill-Iklin li ħalla din id-dinja fis-sena 2024. Il-Prof. Charles Briffa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-Università ta' Malta u f'Oklahoma State University tal-Istati Uniti. Kien il-prinċipal ewlieni fuq l-eżamijiet tal-Matsec (1992-2007),, illekċerja fuq il-Letteratura Maltija mal-Fakultà tal-Arti (1992-2013), u ta wkoll lekċers fuq il-Letteratura fl-istitut tal-Istudji Maltin u fl-Università tat-Tielet Età. Għallem it-teorija u l-prattika tat-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta fil-livell postgradwatorju (2004-2020). Briffa kien ilu nvolut fix-xandir ta' programmi letterarji u lingwistiċi fuq ir-radju u t-televixin sa mill-1983. Huwa kien membru tal-Poetics and Linguistics Association (UK) u tal-Akkademja tal-Malti li tagħha kien President (2000-2004). Kien ukoll membru tal-Kumitat tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2005-2008). Editja s-sensiliet tal-Kultura Kulturali, il-Kullana tal-Klassiċi, u l-Kullana tat-Tfal (1999-2013). Irċieva l-Premju Letterarju Nazzjonali seba' darbiet. Fit-13 ta' Diċembru 2020 inħatar Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu mill-President ta' Malta, bħala parti minn Ġieħ ir-Repubblika. Awtur prolifiku fl-oqsma tal-kritika letterarja, l-istilistika, il-lingwa, il-lessikografija, u t-traduzzjoni. Fl-istudji letterarji b'mod partikolari interpreta x-xejriet teoretiċi ġodda )ġejjin mill-Ingilterra, mill-Ewropa, u mill-Amerka) u applikahom għall-awtur lokali. Jirriċerka fuq aspetti antropoloġiċi tal-Malti (fil-qasam tal-lingwistika kulturali). Ħareġ ktieb fuq il-kitbiet spiritwali ta' Br Louis Camilleri li qed jiġi kkunsidrat għall-beatifikazzjoni: 'The Fruits of the Mind in the Writings of Br Louis Camilleri FSC – Servant of God' (2019). Dan il-ktieb Briffa kien ippreżentah Ruma f'Ġunju tal-2019) sabiex jidħol mad-dokumenti li jridu jitqiesu mill-Vatikan. Minbarra l-istudji u l-kritika, it-traduzzjonijiet u l-artikli, jikteb ukoll poeżiji u novelli, u jeditja sensiliet sħaħ ta' kotba.

17.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem con.*

## 17.10 POST MORTEM TAL-ATTIVITÀ EUROPEAN WEEK OF SPORT

17.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li din is-sena kien sodisfatt ferm bl-attendenza numeruża ta' parteċipanti kemm min-naħa ta' Lija/Iklin FYA u anke mit-tfal li jirrisiedu fil-komunità.

17.10.2 Is-Sindku Dott Sciberras irrimarka li kien important li għal sena oħra naħsbu għal First Aid, mobile toilets u nesploraw il-possibiltà li nikru jew isir akkwist ta' artificial turf peress li t-tfal jistgħu faċilment iweġġgħu fuq art iebsa.

17.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda rimarka li jekk il-Kunsill jerġa jiddeċiedi li jkun parteċipi, din l-attività għandha tidħol fil-kalendarju annwali tal-attivitajiet u jaħseb biex jalloka vot għal din l-attività biex il-Kunsill jaħseb fil-mument li nfasslu l-estimi finanzjarji għas-sena 2026.

17.10.4 Imbagħad is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier Mary Grace Gusman tal-ħidma tagħha biex irnexxielha takkwista provvista ta' ilma għall-parteċipanti.

17.10.5 Is-Sindku Dott. Sciberras għadda vot ta' ringrazzjament ukoll lill-Kunsillier Mario Fenech tax-xogħol li wettaq fuq il-pubbliċità għal social media.

17.10.6 Fl-aħħarnett, irringrazzja lill-Community Police Team u lill-Akkademja bl-organizazzjoni u l-koordinazzjoni stagħhom biex din l-attività sportive ttellgħet b'suċċess għal sena oħra fi Pjazza Ninu Cremona.

## 17.11 AĠĠORNAMENT DWAR PROĠETT TA' TISBIĦ F'WESGĦA J.B. SCICLUNA

17.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità tal-Ippjanar ħareġ il-permess PA/06640/25 – Regeneration of landscaping area in Wesgħa J.B. Scicluna, including the removal of existing statue and installation of new similar statue made of stone.

17.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-perit kien ukoll ħejja Condition Report biex inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi għat-tisbiħ ta' landscaping permezz ta' fondi mill-Public Works.

Fakkar li l-ispiża tal-istatwa, il-pedestal u t-tqegħid ser jiġu ffinanzjati mill-Kunsill Reġjonali Lvant liema ammont ilaħħaq ma' Eur20k. Ikkonferma li hemm il-commitment min-naħa tal-Kunsill Reġjonali Lvant wara li l-Kunsill kien ressaq it-talba taħt l-iskema 'Proġetti ta' kollaborazzjoni għal titjib fil-lokalità fl-Iklin. It-talba ġiet ippreżentata fl-20 ta' Novembru 2023 u l-membri preżenti kienu approvaw it-talba.

Is-Sindku ikkonkluda li l-pass li jmiss huwa li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-artist biex eventwalment jibda x-xogħol fuq il-pedestal u x-xogħol tal-istatwa huwa ppjanat għas-sena 2026.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

**17.12 AĠĠORNAMENT DWAR ID-DIFFIKULTAJIET LI QED JIFFAĊĊJA L-KUNSILL MINĦABBA SIĠAR EŻISTENTI FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG**

17.12.1 Is-Sindku Dott Sciberras ippreżenta l-minuti tal-laqgħa li saret fuq is-sit fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill u l-Perit tal-Public Works. Is-siġra eżistenti tal-ficus qed toħloq diffikultajiet kbar minħabba l-għeruq tagħha li qed jimbuttaw iċ-ċint eżistenti. Is-Sindku informa li l-Public Works appuntat żewġ kuntratturi li rrinunzjaw milli jidħlu għal dan il-proġett. Is-siġra hija ostaklu però hemm fatturi oħra għaliex il-kuntratturi appuntati mhux interessati fil-proġett.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikkummisjona espert fis-settur biex jiġi jispezzjona s-siġra u jħejji rapport bir-rakkomandazzjoni tiegħu. Skont l-eżitu ta' dan ir-rapport, il-Kunsill ikun kostrett jgħarraf lill-Public Works bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

17.12.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman żiedet li fl-eventwalità li l-espert ikun tal-fehma li tiġi rilokata l-imsemmija siġra, il-Kunsill għandu jiċċirkola f'kull dar l-informazzjoni kollha sħiħa biex ma niġux ibbumbardjati bil-kritika minħabba t-tneħħija ta' siġra.

17.12.3 Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri qablu unanimament li r-residenti għandhom jiġu mgħarrfa b'kull żvilupp u kkonkluda li proġett ta' Eur60K ma jixtieqx li jintilef minħabba l-fattur ta' din is-siġra.

17.12.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech irringrazzja lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma kontinwa fuq dan il-proġett u fejn jittama li x-xogħol preparatorju li sar ma jisfumax fix-xejn. Ma jixtieqx li jaqa' dan il-proġett għaliex huwa bżonnjuż meta tikkunsidra li hemm periklu.

Aktr żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 17.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

17.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar i-Ħamis, 23 ta' Ottubru 2025 fil-5.30 pm.

17.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Ottubru 2025 fil-5.30 pm.

17.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.50 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv